# LEĦEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

FRAR 1939 ] IT-TMIEN SENA [ Għadd 96


## IL-PAPA MIET!

Bħala nsara, bħala studenti ta' Università u bħala poplu ta' ċiviltà qadima ningħaqdu mad dinja kollha u nibku t-telfa ta' Missier l-insara kollha, ta' Għaref mill-akbar, tal-aqwa Ħaddiem taċ-ċiviltà. Il-Papa hu Missier l-insara kollha, hu Missier il-bnedmin kollha. Tgħidulna l-Knisja; narawh b'għajnejna. Il-Papa hu Ragħaj ta' merħla bla għadd, hu l-Blata li fuqha Kristu bena l-Knisja tiegħu. Il-ħsieb tiegħu, il-qalb tiegħu, l-imħabba tiegħu jħaddnu l-bnedmin kollha; il-ħedma tiegħu tinfirex sal ibgħad artijiet u waqqfet għaqdiet ġodda ta' nsara fejn qabel ismu ma kienx magħruf. U s-saltna ta' Kristu dejjem tikber u tinfirex. Il-Papa hu Missier l-insara kollha; tgħidulna wkoll qalbna. Min qatt rifes il-għatba tal-Vatikan u ma ħassx f'qalbu tixgħel dik l-imħabba, dik il-kunfidenza, biex ingħid hekk, li jħoss iben meta jidħol f'dar missieru ?

Il-Papa kien għaref mill-akbar. Jistqarru kulħadd imqar dawk li huma barra mill-merħla tiegħu. Jixhduh l-ittri jew enċikliki miktubin fuq l-itqal problemi soċjali tal-lum. Tixhdu l ħedma tiegħu biex imexxi 'l quddiem it-tagħlim. Jixhdu t-tifħir li faħħruh ħafna għorrief ta' kull lèwn u ta' kull fehma. Mhux ta' b'xejn li meta laħaq Papa bagħtu jifirħulu l-aqwa Universitajjiet tad-dinja.

Il-Papa hu l-aqwa Ħaddiem taċ-ċiviltà, ta' dik iċ-ċiviltà li hi mibnija fuq il-ħaqq u s-sewwa. X'ma għamelx biex iressaq u jlaqqa' u jorbot flimkien in-nazzjonijiet miġġielda jew mitlewwma? Fiż-żmienijiet koroh li għaddew u li għaddejjin, il-Papa mill-għoli tal-Vatikan ra l-ħsara li tiġri lid-dinja jekk il-mexxejja tal-ġnus ma jimxux fit-triq tas-sewwa jekk jibqgħu jitlewwmu u jaħsbu biss biex jeqirdu 'l xulxin, u issa jwissi, issa jwiddeb, issa jħeġġeġ, issa jitlob baqa' sal-aħħar nifs ta' ħajtu bi ħsiebu mwaqqaf fuq is-sliem tad-dinja.

Il-Papa miet imma ismu miktub fl-istorja tad-dinja u l-ebda tul ta' żmien u l-ebda taqlib ta' ġrajja ma jirnexxielu qatt iħassru